# L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2019: Malta

**B'62.5 punti minn 100, Malta tinsab fil-15-il post fl-UE fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Il-punteġġ tagħha huwa 4.9 punti anqas mill-punteġġ tal-UE. Bejn l-2005 u l-2017, il-punteġġ ta' Malta żdied b'6.5 punti (+ 2.4 punti mill-2015). Malta qiegħda tagħmel progress lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-klassifikazzjoni tagħha hija l-istess bħal fl-2005.**

Il-punteġġi ta' Malta huma ogħla mill-punteġġi tal-UE fl-oqsma kollha, ħlief fl-oqsma tal-ħin u tal-poter. Fil-qasam tal-poter, il-punteġġ ta' Malta huwa l-aktar baxx (32.2 punti) minn ta' kulħadd. Il-punteġġ ta' Malta huwa l-ogħla fil-qasam tas-saħħa (92.1 punti), li jagħmilha fost l-aqwa tlieta fl-UE.

Mill-2005, il-punteġġi ta' Malta tjiebu l-aktar fl-oqsma tax-xogħol (+ 12.5 punti) u tal-flus (+ 12.2 punti). Il-progress kien aktar bil-mod fl-oqsma tas-saħħa (+ 1.4 punti), tal-għarfien u tal-ħin (+ 3.4 punti).

Bejn l-2005 u l-2017, Malta tejbet il-punteġġ tal-Indiċi tagħha, iżda kellha punteġġ aktar baxx minn dak tal-UE matul il-perjodu kollu. Malta mxiet lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi b'rata aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE, u naqqset id-distanza tagħha mill-punteġġ tal-UE matul iż-żmien.

**Malta qiegħda tavvanza b'rata aktar mgħaġġla mill-medja tal-UE**




Kull sena aħna nagħtu punteġġ lill-Istati Membri tal-UE u lill-UE kollha kemm hi biex naraw kemm huma 'l bogħod milli jilħqu l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-Indiċi juża skala minn 1 sa 100, fejn 1 huwa għall-inugwaljanza totali u 100 huwa għall-ugwaljanza totali.

Il-punteġġi huma bbażati fuq id-distakki bejn in-nisa u l-irġiel u l-livelli ta' kisba f'sitt oqsma ewlenin: ix-xogħol, il-flus, l-għarfien, il-ħin, il-poter u s-saħħa. Żewġ oqsma addizzjonali huma integrati fl-Indiċi iżda m'għandhomx impatt fuq il-punteġġ finali. Il-qasam tal-inugwaljanzi interkonnessi jenfasizza kif l-inugwaljanzi bejn is-sessi jim-manifestaw flimkien mal-età, mad-diżabbiltà, mal-pajjiż tat-twelid, mal-edukazzjoni u mat-tip ta' familja. Il-qasam tal-vjolenza kontra n-nisa jkejjel u janalizza l-esperjenzi ta' vjolenza tan-nisa.

Minbarra li jipprovdi ħarsa ħafifa lejn il-punteġġi tal-Indiċi, l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2019 jinkludi enfasi tematika dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata.

## Il-punteġġi tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi għall-Istati Membri tal-UE, 2005 u 2017



# Xogħol

Il-punteġġ ta' Malta fil-qasam tax-xogħol huwa ta' 73.3, li juri progress ta' 12.5 punti mill-2005 (+ 2.3 punti mill-2015), b'titjib sinifikanti fis-subqasam tal-parteċipazzjoni.

Ir-rata tal-impjiegi (għall-persuni li għandhom bejn 20 u 64 sena) hija ta' 63 % għan-nisa u ta' 86 % għall-irġiel. Bir-rata globali tal-impjiegi ta' 75 %, Malta laħqet il-mira nazzjonali tagħha tal-impjiegi skont UE 2020, dik ta' 70 %. Ir-rata tal-impjiegi ekwivalenti għall-full-time (FTE) żdiedet għan-nisa (minn 25 % għal 40 %) u għall-irġiel (minn 64 % għal 65 %) bejn l-2005 u l-2017. Id-distakk bejn is-sessi naqas, iżda jibqa' l-akbar fl-UE. Id-distakk huwa ħafna ogħla fost il-koppji bit-tfal (39 punt perċentwali (p.p.)). Ir-rata tal-impjiegi FTE hija ta' 56 % għan-nisa u ta' 95 % għall-irġiel. Id-distakk bejn is-sessi fir-rati tal-impjiegi FTE naqas permezz ta' żidiet fil-livelli tal-edukazzjoni: minn 36 p.p. fost in-nisa u l-irġiel b'livelli baxxi ta' edukazzjoni għal 7 p.p. fost dawk b'livelli għoljin ta' edukazzjoni.

Madwar 25 % tan-nisa jaħdmu part-time, meta mqabbla ma' 7 % tal-irġiel. Bħala medja, in-nisa jaħdmu 36 siegħa fil-ġimgħa u l-irġiel jaħdmu 41 siegħa. Minkejja l-klassifikazzjoni ta' Malta fit-tieni post fl-UE fis-subqasam tas-segregazzjoni, il-konċentrazzjoni inugwali tan-nisa u l-irġiel f'setturi differenti tas-suq tax-xogħol għadha problema: 30 % tan-nisa jaħdmu fl-edukazzjoni, fis-saħħa u fil-ħidma soċjali, meta mqabbla ma' 10 % tal-irġiel.




# Flus

Il-punteġġ ta' Malta fil-qasam tal-flus huwa ta' 82.5, li juri progress ta' 12.2 punti mill-2005 (+ 0.1 punti mill-2015), immexxi minn titjib fis-sitwazzjonijiet finanzjarji kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel.

Bejn l-2006 u l-2014, il-qligħ medju fix-xahar kważi ttriplika għan-nisa u l-irġiel, iżda għad hemm distakk bejn is-sessi: in-nisa jaqilgħu 15 % inqas mill-irġiel. Id-distakk bejn is-sessi huwa saħansitra usa' fost il-koppji bit-tfal (in-nisa jaqilgħu 27 % anqas) u fost il-persuni li għandhom bejn 50 u 64 sena (in-nisa jaqilgħu 30 % anqas). Id-distakk bejn is-sessi fil-qligħ huwa wkoll ferm akbar fost persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni (30 %).

Ir-riskju ta' faqar żdied mill-2005 għall-2017: 17 % tan-nisa (+ 3 p.p.) u 15 % tal-irġiel (+ 2 p.p.) huma f'riskju. Il-persuni li qegħdin jaffaċċjaw l-ogħla riskju ta' faqar huma: in-nisa waħedhom (32 %); il-koppji mingħajr tfal (25 %); persuni li għandhom 65 sena u aktar (26 % tan-nisa u 23 % tal-irġiel); persuni li twieldu barra minn Malta (24 %); persuni b'edukazzjoni baxxa (23 %); u persuni b'diżabbiltà (23 %). L-inugwaljanzi fid-distribuzzjoni tal-introjtu żdiedu fost in-nisa u fost l-irġiel bejn l-2005 u l-2017. In-nisa jaqilgħu medja ta' 88 ċenteżmu għal kull ewro li raġel jagħmel fis-siegħa, li jirriżulta f'distakk ta' 12 % fil-pagi bejn is-sessi. Id-distakk fil-pensjonijiet bejn is-sessi huwa ta' 44 %.




# Għarfien

Il-punteġġ ta' Malta fil-qasam tal-għarfien huwa ta' 65.8, b'żieda ta' 3.4 punti mill-2005 (+ 0.6 punti mill-2015). Malta niżlet erba' pożizzjonijiet mill-2005 u tinsab fil-10 post fl-UE. Filwaqt li s-subqasam tal-kisba u tal-parteċipazzjoni avvanza, is-subqasam tas-segregazzjoni mar lura.

Is-sehem tan-nisa gradwati fl-edukazzjoni terzjarja żdied (minn 9 % għal 19 %) bejn l-2005 u l-2017. Għall-irġiel, iż-żidiet fil-kisba tal-edukazzjoni terzjarja għamlu progress b'ritmu aktar bil-mod (minn 11 % għal 19 %). Id-distakk bejn is-sessi fil-kisba hija l-ogħla bejn il-ġenituri waħedhom (13 p.p.) u n-nisa u l-irġiel waħdehom (10 p.p.) u fiż-żewġ każijiet, hemm aktar irġiel gradwati fl-edukazzjoni terzjarja. Malta laħqet il-mira nazzjonali tagħha skont UE 2020 li jkollha 33 % tal-persuni li għandhom bejn 30 u 34 sena jiksbu l-edukazzjoni terzjarja. Ir-rata attwali hija ta' 34 % (b'37 % għan-nisa u 32 % għall-irġiel). Il-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja żdiedet kemm għan-nisa (minn 12 % għal 16 %) kif ukoll għall-irġiel (minn 13 % għal 15 %) bejn l-2005 u l-2017.

Malta tilfet il-pożizzjoni minn ta' quddiem tagħha u tinsab fir-raba' post fl-UE fis-subqasam tas-segregazzjoni. Il-konċentrazzjoni inugwali tan-nisa u l-irġiel f'oqsma ta' studju differenti fl-edukazzjoni terzjarja għadha sfida. Madwar 49 % tal-istudenti nisa u 28 % tal-istudenti rġiel jistudjaw l-edukazzjoni, is-saħħa u l-benesseri, jew l-istudji umanistiċi u l-arti



# Ħin

Il-punteġġ ta' Malta fil-qasam tal-ħin ma nbidilx mill-aħħar edizzjoni tal-Indiċi, għaliex mhijiex disponibbli *data* ġdida. L-aġġornament tad-*data* li jmiss għal dan il-qasam huwa mistenni fl-2021. *Data* aktar frekwenti dwar l-użu tal-ħin tgħin biex jiġi traċċat il-progress f'dan il-qasam.

Fil-qasam tal-ħin, il-punteġġ ta' Malta huwa ta' 64.2, b'inugwaljanzi bejn is-sessi li qegħdin jonqsu fid-distribuzzjoni ta' ħin iddedikat għal attivitajiet ta' kura u involviment aktar baxx kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel fl-attivitajiet soċjali. In-nisa jieħdu aktar responsabbiltajiet fil-kura tal-familja: 42 % tan-nisa jieħdu ħsieb u jedukaw lill-membri tal-familja tagħhom għal mill-anqas siegħa kuljum, meta mqabbla ma' 25 % tal-irġiel. Fost in-nisa u l-irġiel f'koppji bit-tfal, in-nisa huma ferm aktar involuti fl-attivitajiet ta' kura ta' kuljum (85 %) milli l-irġiel (58 %). Madwar 81 % tan-nisa jsajru u jagħmlu xogħol tad-dar għal mill-anqas siegħa kuljum, meta mqabbla ma' 37 % biss tal-irġiel.

Ishma simili ta' nisa (25 %) u rġiel (26 %) jipparteċipaw f'attivitajiet sportivi, kulturali u ta' divertiment barra mid-dar. Kważi l-istess proporzjon ta' nisa (10 %) u rġiel (11 %) huma involuti f'attivitajiet volontarji jew ta' karità, bil-parteċipazzjoni tat-tnejn dejjem tonqos mill-2005.




# Poter

Il-punteġġ ta' Malta fil-qasam tal-poter huwa 32.2, b'żieda ta' 4.4 punti mill-2005 (+ 4.8 punti mill-2015). Dan huwa l-anqas punteġġ ta' Malta fl-oqsma kollha. Malta tinsab fit-22 post fl-UE fil-qasam tal-poter. Hemm titjib sinifikanti fis-subqasam tal-poter soċjali, filwaqt li s-sitwazzjoni ħżienet xi ftit fis-subqasam tal-poter ekonomiku.

Fis-subqasam tal-poter politiku, is-sehem ta' ministri nisa naqas (minn 18 % fl-2005 għal 12 % fl-2018). Is-sehem tal-membri nisa tal-parlament żdied (minn 9 % fl-2005 għal 15 % fl-2018). Is-sehem attwali tan-nisa fost il-membri tal-kunsilli lokali huwa ta' 22 %.

Il-progress fil-poter ekonomiku mar lura, immexxi minn tnaqqis fis-sehem tan-nisa fil-bord tal-bank ċentrali (minn 25 % għal 15 %), bejn l-2005 u l-2018. Ir-rappreżentazzjoni tan-nisa fil-bords tal-akbar kumpaniji kkwotati pubblikament tjiebet matul l-istess żmien (minn 3 % għal 9 %).

Fis-subqasam tal-poter soċjali, in-nisa jammontaw għal 40 % tal-membri tal-bord ta' organizzazzjonijiet li jiffinanzjaw ir-riċerka, 29 % tal-organizzazzjonijiet pubbliċi tax-xandir, u 7 % tal-membri tal-bord tal-ogħla korpi deċiżjonali ta' organizzazzjonijiet nazzjonali għall-isport Olimpiku.




# Saħħa

Il-punteġġ ta' Malta fil-qasam tas-saħħa huwa ta' 92.1, b'żieda ta' 1.4 punti mill-2005 (+ 0.3 punti mill-2015). Malta tinsab fit-tielet post fl-UE fil-qasam tas-saħħa. L-ugwaljanza bejn is-sessi fl-istatus tas-saħħa u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa tjiebu xi ftit. M'hemm l-ebda *data* ġdida għall-imġiba tas-saħħa.

Il-livell ġenerali ta' sodisfazzjon fis-saħħa żdied għan-nisa (minn 69 % għal 74 %) u għall-irġiel (minn 74 % għal 77 %) bejn l-2005 u l-2017. Malta għandha s-sitt l-ogħla rata ta' sodisfazzjon fis-saħħa fl-UE. Is-sodisfazzjon tas-saħħa jiżdied mal-livell ta' edukazzjoni ta' persuna u jonqos bi proporzjon mal-età tagħhom. Id-distakk bejn is-sessi huwa wiesgħa b'mod speċjali bejn in-nisa u l-irġiel waħedhom (41 % u 58 %). Bejn l-2005 u l-2016, l-istennija tal-għomor żdiedet kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. In-nisa bħala medja jgħixu tliet snin aktar mill-irġiel (84 sena meta mqabbla ma' 81 sena).

Malta għandha t-tielet perċentwal l-aktar baxx fl-UE għal ħtiġijiet mediċi mhux issodisfati, u l-ħames l-aktar perċentwal baxx għal ħtiġijiet dentali mhux issodisfati. 1 % biss tan-nisa u 0 % tal-irġiel jirrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għal eżamijiet mediċi (meta mqabbla ma' 5 % u 4 % fl-2005), u 2 % biss tan-nisa u 1 % tal-irġiel jirrapportaw ħtiġijiet dentali mhux issodisfati (meta mqabbla ma' 5 % u 4 % fl-2005). In-nisa u l-irġiel b'diżabbiltà jirrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati ftit ogħla għall-kura dentali (6 % u 5 %), meta mqabbla man-nisa u l-irġiel mingħajr diżabbiltà (3 % u 2 %).



# Vjolenza

Il-vjolenza kontra n-nisa hija kemm konsegwenza kif ukoll il-kawża ta' inugwaljanzi persistenti bejn is-sessi fl-oqsma tax-xogħol, tas-saħħa, tal-flus, tal-poter, tal-għarfien u tal-ħin. B'kuntrast ma' oqsma oħra, il-qasam tal-vjolenza ma jkejjilx id-differenzi bejn is-sitwazzjonijiet tan-nisa u tal-irġiel iżda jeżamina l-esperjenzi ta' vjolenza tan-nisa. Għal din ir-raġuni, il-qasam tal-vjolenza mhuwiex inkluż fil-kalkoli tal-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi. Minflok, jiġi kkalkolat bħala miżura komposta separata ta' tliet aspetti: il-prevalenza, is-severità u l-iżvelar ta' vjolenza kontra n-nisa. Il-kalkolu tar-riżultati kien jiddependi mir-riżultati tad-*data* tal-2014 tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. Minn dak iż-żmien, ma sar l-ebda stħarriġ fl-UE kollha dwar il-vjolenza bbażata fuq is-sessi. Sat-tlestija tal-istħarriġ li jmiss, il-punteġġi ma jistgħux jiġu aġġornati.




Malta ffirmat u rratifikat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika (Konvenzjoni ta' Istanbul) f'Novembru 2014.

Il-qasam tal-vjolenza jippreżenta *data* aġġornata fuq tliet indikaturi addizzjonali biex jgħinu fil-monitoraġġ tal-femminiċidju, tal-mutilazzjoni ġenitali femminili u tat-traffikar tal-bnedmin. Madankollu, mhux l-Istati Membri kollha jiġbru din id-*data* u huwa meħtieġ titjib fil-ġbir tad-*data*.

Fl-2016, Malta rreġistrat żewġ nisa vittmi ta' omiċidju intenzjonat minn sieħeb intimu. Malta ma tipprovdix *data* dwar il-vittmi nisa ta' omiċidju intenzjonat minn membru tal-familja. L-istimi tal-EIGE juru li 39 % sa 57 % ta' 486 tifla (fil-popolazzjoni tal-migranti residenti) huma f'riskju ta' mutilazzjoni ġenitali femminili. L-istatistika dwar it-traffikar tal-bnedmin tiġi miġbura u rrapportata. Kien hemm 16-il vittma mara rreġistrati għat-traffikar tal-bnedmin fl-2016. *Data* komparabbli, diżaggregata skont is-sess, hija essenzjali għall-iżvilupp ta' strateġiji għall-UE kollha dwar il-prevenzjoni u l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa fl-Istati Membri kollha.

# Enfasi tematika fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata

L-indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2019 jiffoka fuq il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata — kwistjoni ta' importanza politika għolja fl-UE. Minbarra l-indikaturi relatati mal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata koperti mill-Indiċi (eż. fl-oqsma tax-xogħol, tal-ħin u tal-għarfien), l-enfasi tematika tippreżenta indikaturi addizzjonali — tabella ta' valutazzjoni tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata (tabella ta' valutazzjoni WLB). It-tabella ta' valutazzjoni tolqot tliet oqsma ewlenin: xogħol bi ħlas, xogħol bla ħlas (kura) u l-edukazzjoni u t-taħriġ. Din tippreżenta 15-il indikatur f'sitt oqsma speċifiċi ta' tħassib: politiki dwar il-liv tal-ġenituri, indukrar tat-tfal u servizzi tal-indukrar tat-tfal; kura informali ta' persuni anzjani u persuni b'diżabbiltà u servizzi ta' kura fit-tul; it-trasport u l-infrastruttura; arranġamenti tax-xogħol flessibbli; u tagħlim għal tul il-ħajja.

## Politiki dwar il-liv tal-ġenituri

Il-liv tal-ġenituri jgħin lill-ġenituri jibbilanċjaw id-dmirijiet tal-kura u l-ħajja tax-xogħol tagħhom. Madankollu dan ħafna drabi ma jkunx disponibbli għall-ġenituri potenzjali, minħabba li l-eliġibbiltà tagħhom tista' tiddependi minn kriterji bħal jekk persuna taħdimx bi ħlas; jekk humiex impjegati jew jaħdmux għal rashom; is-settur li jaħdmu fih, it-tul tas-servizz; jew jekk il-liv huwiex aċċessibbli għal koppji tal-istess sess jew għall-migranti. Il-bidliet fis-suq tax-xogħol, bħall-firxa ta' forom atipiċi ta' impjieg (eż. kuntratti temporanji u xogħol fuq talba, impjieg indipendenti fittizju u xogħol abbażi ta' kupuni) żiedu t-tħassib dwar l-aċċess tal-ġenituri għal-liv, speċjalment f'każijiet fejn dan huwa bbażat fuq id-definizzjonijiet tal-impjieg standard tradizzjonali.

Fl-2016, 43 % tan-nisa u 12 % tal-irġiel li għandhom 20-49 sena (ġenituri potenzjali) kienu ineliġibbli għal-liv tal-ġenituri f'Malta. Il-qgħad jew in-nuqqas ta' attività kienu r-raġuni ewlenija għall-ineliġibbiltà fil-każ ta' 86 % tan-nisa. L-14 % li jifdal tan-nisa kienu ineliġibbli minħabba tul inadegwat tal-impjieg. F'Malta, il-ġenituri tal-istess sess mhumiex eliġibbli biex jieħdu l-liv tal-ġenituri. Fl-UE, 12 % tan-nisa u 9 % tal-irġiel kienu ineliġibbli għal-liv tal-ġenituri.

## Indukrar informali tat-tfal u servizzi tal-indukrar tat-tfal

Hekk kif jikber l-għadd ta' familji bi dħul doppju u familji b'ġenitur wieħed, jidhru ħtiġijiet ġodda għas-servizzi tal-indukrar tat-tfal. Servizzi ta' kwalità għolja, disponibbli, aċċessibbli u affordabbli tal-indukrar tat-tfal huma essenzjali biex il-ġenituri jkunu jistgħu jibqgħu fis-suq tax-xogħol jew jingħaqdu miegħu u biex jitnaqqas id-distakk bejn is-sessi fl-impjiegi.

F'Malta, 60 % tal-persuni li jieħdu ħsieb it-tfal b'mod informali huma nisa. B'mod ġenerali, 67 % tan-nisa huma involuti fl-indukrar jew fl-edukazzjoni tat-tfal jew tan-neputijiet tagħhom mill-anqas diversi drabi fil-ġimgħa, meta mqabbla ma' 54 % tal-irġiel. Meta mqabbla mal-medja tal-UE (56 % tan-nisa u 50 % tal-irġiel), aktar nisa u rġiel huma involuti fl-indukrar jew fl-edukazzjoni tat-tfal jew tan-neputijiet tagħhom f'Malta. Id-distakki bejn is-sessi huma usa' fost in-nisa u l-irġiel li jaħdmu fis-settur pubbliku (89 % u 55 %) u fi ħdan il-grupp b'etajiet ta' bejn 20 u 49 sena (95 % u 69 %).

Malta laħqet iż-żewġ miri ta' Barċellona li jkun hemm mill-anqas 33 % tat-tfal taħt l-età ta' tliet snin u 90 % tat-tfal bejn l-età ta' tliet snin u l-età tal-iskola fl-indukrar tat-tfal. B'mod ġenerali, 37 % tat-tfal taħt l-età ta' tliet snin huma taħt xi tip ta' arranġamenti tal-indukrar formali, u 15 % tat-tfal ta' din l-età huma f'indukrar formali tat-tfal għal mill-anqas 30 siegħa fil-ġimgħa. L-indukrar formali tat-tfal jingħata għal 91 % tat-tfal mill-età ta' tliet snin sal-età minima tal-iskola obbligatorja (62 % qegħdin f'indukrar formali tat-tfal għal mill-anqas 30 siegħa fil-ġimgħa). Madwar 18 % tan-nisa u l-irġiel jirrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għal servizzi formali tal-indukrar tat-tfal, li huwa t-tielet l-ogħla fl-UE. Il-koppji bit-tfal għandhom aktar probabbiltà li jirrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati ogħla għas-servizzi formali tal-indukrar tat-tfal f'Malta (20 %), meta mqabbla mal-ommijiet waħedhom (11 %).

## Kura informali għall-persuni anzjani u persuni b'diżabbiltà u servizzi ta' kura fit-tul

Servizzi ta' kura u infrastruttura disponibbli, aċċessibbli u affordabbli huma kruċjali jekk il-persuni b'responsabbiltajiet ta' kura għandhom iżommu bilanċ tajjeb bejn id-dmirijiet tal-kura u l-ħajja tax-xogħol tagħhom. Dan huwa partikolarment rilevanti għan-nisa, li ħafna drabi jinvolvu ruħhom aktar mill-irġiel fil-kura kemm formali kif ukoll informali ta' persuni anzjani u/jew persuni b'diżabbiltà. Fid-dawl tax-xejriet demografiċi emerġenti, bħal soċjetajiet li qed jixjieħu, rati tat-twelid aktar baxxi u konsegwentement it-tnaqqis tal-popolazzjoni fl-età tax-xogħol, il-ħtieġa għal servizzi ta' kura fit-tul formali u informali saret aktar importanti minn qatt qabel.

Il-biċċa l-kbira tal-persuni li jagħtu l-kura b'mod informali lil persuni anzjani u/jew persuni b'diżabbiltà f'Malta huma nisa (69 %). L-ishma ta' nisa u rġiel involuti f'kura informali ta' persuni anzjani u/jew persuni b'diżabbiltà diversi ġranet fil-ġimgħa jew kuljum huma ta' 19 % u ta' 9 %. Il-proporzjon ta' nisa involuti fil-kura informali huwa ta' 4 p.p. ogħla mill-medja tal-UE, filwaqt li l-involviment tal-irġiel huwa 1 p.p. aktar baxx. Madwar 28 % tan-nisa u 16 % tal-irġiel li għandhom bejn 50 u 64 sena jieħdu ħsieb persuni anzjani u/jew persuni b'diżabbiltà, meta mqabbla ma' 15 % tan-nisa u 4 % tal-irġiel fil-grupp b'etajiet ta' bejn 20 u 49 sena. Madwar 22 % tan-nisa li jagħtu kura lil persuni anzjani u/jew persuni b'diżabilità huma impjegati, meta mqabbla ma' 40 % tal-irġiel li jikkombinaw il-kura ma' responsabbiltajiet professjonali. Hemm ukoll anqas nisa minn irġiel li jagħtu kura informali li jaħdmu fl-UE. Madankollu, id-distakk bejn is-sessi huwa usa' f'Malta milli fl-UE (18 p.p. meta mqabbla ma' 14 p.p. għall-UE). Fil-grupp b'etajiet ta' bejn 50 u 64 sena, 25 % tan-nisa li jagħtu kura informali jaħdmu, meta mqabbla ma' 41 % tal-irġiel. Madwar 23 % tan-nisa u 19 % tal-irġiel f'Malta jirrapportaw ħtiġijiet mhux issodisfati għal servizzi professjonali tal-kura fid-dar.

## Trasport u infrastruttura

L-aċċess għal infrastruttura pubblika affordabbli u ta' kwalità, inklużi l-faċilitajiet ta' kura, il-faċilitajiet edukattivi, is-servizzi tas-saħħa u t-trasportazzjoni, iħalli impatt fuq l-opportunitajiet tan-nisa u tal-irġiel li jibbilanċjaw ix-xogħol bi ħlas ma' attivitajiet oħra. Id-diviżjoni mhux uniformi tad-dmirijiet tal-kura u tal-kompiti domestiċi bejn in-nisa u l-irġiel tinfluwenza l-modi kif dawn jużaw jew jeħtieġu ċerti tipi ta' trasport u infrastruttura. Il-ħin iddedikat għall-ivvjaġġar huwa indikazzjoni tajba ta' jekk l-infrastruttura pubblika eżistenti tgħinx jew tfixkilx lin-nisa u lill-irġiel fiż-żamma ta' bilanċ tal-attivitajiet tagħhom ta' kuljum.

F'Malta, in-nisa u l-irġiel iqattgħu madwar l-istess ammont ta' ħin biex jivvjaġġaw lejn u mix-xogħol (madwar 43-44 minuta kuljum). L-irġiel waħedhom għandhom it-tendenza li jqattgħu aktar ħin jivvjaġġaw min-nisa waħedhom, u l-irġiel jivvjaġġaw lejn u mix-xogħol għal aktar żmien minn nisa f'koppja bit-tfal. Koppji mingħajr tfal iqattgħu ammont ikbar ta' ħin jivvjaġġaw meta mqabbla ma' koppji bit-tfal, bin-nisa f'koppja mingħajr tfal jivvjaġġaw madwar 49 minuta kuljum u l-irġiel f'koppja mingħajr tfal jivvjaġġaw għal 41 minuta. In-nisa li jaħdmu part-time iqattgħu anqas ħin mill-irġiel jivvjaġġaw, iżda dawk li jaħdmu full-time għandhom ħinijiet itwal ta' vvjaġġar mill-irġiel. In-nisa li jaħdmu part-time jivvjaġġaw 35 minuta mid-dar għax-xogħol u lura, u l-irġiel li jaħdmu part-time jivvjaġġaw 39 minuta; għan-nisa u l-irġiel li jaħdmu full-time, il-ħinijiet tal-ivvjaġġar huma ta' 46 minuta u ta' 44 minuta, rispettivament.

B'mod ġenerali, l-irġiel huma aktar probabbli li jivvjaġġaw direttament lejn u mix-xogħol, filwaqt li n-nisa jagħmlu aktar vjaġġi għal skopijiet differenti, biex idaħħlu attivitajiet oħra, bħal twassil tat-tfal għall-iskola jew xiri mill-ħwienet tal-merċa.

## Arranġamenti tax-xogħol flessibbli

L-arranġamenti tax-xogħol flessibbli, bħal opportunitajiet għal tranżizzjoni bejn xogħol part-time u full-time, flessibbiltà fis-sigħat tax-xogħol u xogħol remot, tipikament jagħtu lill-impjegati kapaċità akbar li jikkontrollaw kemm, meta u fejn dawn jistgħu jaħdmu. Jekk imfassla bir-reqqa — filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet differenti tan-nisa u l-irġiel — l-arranġamenti flessibbli tax-xogħol jistgħu jagħmluha aktar faċli biex ikun hemm bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u tal-familja. Dawn jistgħu wkoll jappoġġaw persuni b'responsabbiltajiet ta' kura biex jidħlu fis-suq tax-xogħol bħala impjegati full-time.

Madwar 72 % kemm tan-nisa kif ukoll tal-irġiel ma jistgħux jibdlu l-arranġamenti tal-ħin tax-xogħol tagħhom. L-aċċess għal arranġamenti tax-xogħol flessibbli huwa aktar baxx f'Malta milli fl-UE, fejn 57 % tan-nisa u 54 % tal-irġiel m'għandhom l-ebda kontroll fuq l-arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol tagħhom. Is-settur privat jipprovdi aktar flessibbiltà fuq il-ħin tax-xogħol kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel (67 % u 66 % m'għandhomx kontroll fuq l-arranġamenti tal-ħinijiet tax-xogħol tagħhom), meta mqabbla mas-settur pubbliku (83 % u 85 %).

Minkejja li hemm aktar nisa minn irġiel li jaħdmu part-time f'Malta, anqas nisa (24 %) milli rġiel (41 %) li jaħdmu part-time għaddew minn tranżizzjoni għal xogħol full-time fl-2017. Id-distakk bejn is-sessi huwa usa' minn dak fl-UE, fejn 14 % tan-nisa u 28 % tal-irġiel marru minn xogħol part-time għal xogħol full-time.

## It-tagħlim tul il-ħajja

Avvanzi kostanti fit-teknoloġija jirrikjedu li l-ħaddiema jtejbu l-ħiliet tagħhom kontinwament u jibqgħu aġġornati ma' żviluppi u teknoloġiji ġodda matul il-karriera tagħhom. It-tagħlim tul il-ħajja huwa wkoll katalist għall-ugwaljanza bejn is-sessi peress li jagħti lin-nisa u lill-irġiel aktar għażla fl-għażliet tax-xogħol tagħhom u aktar opportunitajiet biex jilħqu l-potenzjal sħiħ tagħhom. Riżorsi finanzjarji insuffiċjenti u ostakoli relatati mal-ħin bħal kunflitti mal-iskedi tax-xogħol u/jew responsabbiltajiet tal-familja jistgħu jipprevjenu l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel. It-tagħlim tul il-ħajja jista' jgħin lin-nisa jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol wara waqfiet mill-karriera minħabba responsabbiltajiet ta' kura.

Malta għandha madwar il-medja tal-UE fir-rata ta' parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja (11 %), b'differenza żgħira bejn is-sessi (2 p.p.).

In-nisa (li għandhom bejn 25 u 64 sena) huma aktar probabbli li jipparteċipaw fl-edukazzjoni u t-taħriġ mill-irġiel, irrispettivament mill-istatus tal-impjieg tagħhom, bl-akbar differenza bejn in-nisa impjegati (16 %) u l-irġiel impjegati (10 %). Il-kunflitti mal-iskedi tax-xogħol huma ostakolu akbar għall-parteċipazzjoni fit-tagħlim tul il-ħajja għall-irġiel (61 %) milli għan-nisa (59 %). Ir-responsabbiltajiet tal-familja huma rrapportati bħala ostakolu għal involviment fl-edukazzjoni u t-taħriġ għal 61 % tan-nisa, meta mqabbel ma' 35 % tal-irġiel. Kemm l-iskedi tax-xogħol kif ukoll ir-responsabbiltajiet tal-familja huma aktar ta' ostakolu għat-tagħlim tul il-ħajja f'Malta milli fl-UE b'mod ġenerali. Fl-UE, 38 % tan-nisa u 43 % tal-irġiel jirrapportaw l-iskeda tax-xogħol tagħhom bħala ostakolu u 40 % tan-nisa u 24 % tal-irġiel jirrapportaw li r-responsabbiltajiet tal-familja jxekklu l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tagħlim tul il-ħajja.

## Aqra aktar dwar l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi

f'http://eige.europa.eu/gender-equality-index

**L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi**

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE) huwa ċ-ċentru ta' għarfien tal-UE dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi. L-EIGE jappoġġa lil dawk li jfasslu l-politika u lill-istituzzjonijiet rilevanti kollha fl-isforzi tagħhom biex jagħmlu l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa realtà għall-Ewropej kollha billi jipprovdulhom għarfien espert speċifiku u data komparabbli u affidabbli dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa.

© L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, 2019

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jiġi rikonoxxut is-sors.

L-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi
Gedimino pr. 16
LT-01103 Vilnius
IL-LITWANJA

**Dettalji ta' kuntatt**

http://eige.europa.eu/
facebook.com/eige.europa.eu
twitter.com/eurogender
youtube.com/user/eurogender
eige.sec@eige.europa.eu
+370 52157444

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

Print: MH-03-19-025-MT-C ISBN 978-92-9470-820-5 doi:10.2839/304098
PDF: MH-03-19-025-MT-N ISBN 978-92-9470-819-9 doi:10.2839/041835